**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 22 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru: 7/2011 MLF**

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Q.I.C.I bhala surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Anthony Lia skond comprehensive policy of Insurance u l-istess Anthony Lia**

**vs**

**Rock Cut Ltd u Transport Malta**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' erbat elef, tnejn u sebghin Ewro, tmienja u tletin centezmi (€4,072.38c) ammont dovut minnhom jew min minnhom fuq claim maghmula mir-rikorrent wara li Francis Gatt kien ghaddej bil-vettura Toyota Corolla nru KBH 695 din spiccat f'munzell terrapien minnhom imholli f'nofs tat-triq minghajr ebda indikazzjoni jew sinjali tat-traffiku u dana b'mod lampantement perikoluz ghall-utenti tat-triq.

   Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 2009 kontra Rock Cut Ltd inkluzi l-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2009.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' Rock Cut Limited fejn eccepiet:

   i. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta' eccipjenti ma kellha ebda responsabbilita ghall-incident in kwistjoni.

3. Rat ir-risposta ta' Transport Malta fejn eccepiet:

   i. Illi in linea preliminari, l-Awtorita' konvenuta mhix il-legittima kuntradittur peress illi (1) l-Awtorita' intimata ma ghamlet ebda xogholijiet fit-triq in kwistjoni u lanqas ma kienet l-entita' li nkarigat lis-socjeta' konvenuta Rock Cut Limited sabiex tesegwixxi xi xogholijiet; u (2) Triq San Leonardo gewwa Zabbar ma taqax taht ir-responsabbilita' tal-Awtorita' intimata peress illi mhix triq arterjali jew distributorja. Ghalhekk l-Awtorita' konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-atturi.

   ii. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma intempestivi stante illi l-atturi qatt qabel ma ressqu ebda ilment jew korrispondenza mal-Awtorita' konvenuta u allura l-atturi ghandhom f'kull kaz ibatu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

   iii. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-Awtorita' intimata mhix responsabbli ghal kwalunkwe danni allegati u pretizi mill-atturi u m'ghandha taghti ebda ammont kif qed jintalab.

   iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-attur Anthony Lia huwa responsabbli minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti relattivi.

   v. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Awtorita' intimata m'ghandha tbati ebda spejjez u lanqas imghaxijiet.

4. Rat is-sentenza moghtija nhar il-25 ta' Gunju 2012 u li permezz taghha din il-Qorti diversament preseduta laqghet l-ewwel eccezzjoni ta’ Transport Malta u illiberatha mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez rizervati.[1]

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha pprezentati.

6. Semghat it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Nhar il-15 ta’ Marzu 2009 ghall-habta tad-9.15pm sehh incident fejn il-vettura tat-tip Toyota Corolla bin-numru ta’ registrazzjoni KBH695 li kienet misjuqa minn Francis Gatt spiccat fuq munzell terrapien li kien jinsab fi Triq San Leonardo, Zabbar.[2] Fiz-zmien tal-incident il-vettura kienet registrata fuq Anthony Lia u kienet assigurata mas-socjeta’ attrici.

   ii. Irrizulta li sussegwentement kienet saret *claim* fir-rigward ta’ dan l-incident u ghalhekk is-socjeta’ attrici inkarigat lis-*surveyor* Philip Attard sabiex ihejji s-*survey* relattiv minn fejn jirrizultaw il-hsarat sofferti fil-vettura. Mario Mifsud, *motor claims supervisor* mas-socjeta’ attrici, xehed li l-vettura kienet koperta b’polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u kkonferma l-prospett tad-danni li jinkludi s-somma ta’ €2,894.74 rapprezentanti x-xiri tal-*parts*, is-somma ta’ €1,177.64 rapprezentanti l-ispejjez relatati max-xoghol ta’ *panel beating* u *spraying*, u s-somma ta’ €81.53 bhala *excess* dovut lil Anthony Lia.[3]

---

[1] Ara s-sentenza a *fol*. 48.
[2] Ara x-xhieda ta’ Warden 136 Carmel Muscat a *fol*. 60 u Dok CM2 a fol. 68 tal-process.
[3] Ara f’dan is-sens ix-xhieda ta’ Mario Mifsud a *fol*. 73 tal-process, il-prospett tad-danni immarkat bhala Dok A a *fol*. 2 u s-survey report immarkat bhala Dok D a *fol*.6 tal-process.

iii. Nicholas Baldacchino, *Legal Support Manager* fi hdan Transport Malta, xehed li fuq talba ta' Rafel Buttigieg ghan-nom tas-socjeta' Rock Cut Limited, l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta kienet harget permess sabiex fil-perjodu bejn il-5 ta' Frar 2010 u l-1 ta' Marzu 2010 isiru xogholijiet fi Triq San Leonardu, Zabbar. Dawn ix-xogholijiet kienu jirrigwardaw thaffir bhala *air vents* ghal sistema tal-ilma li kienet ghaddejja taht l-art, u dan fuq inkarigu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.[4]

iv. Duncan Busuttil, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Zabbar, xehed li ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta kellha permess biex taghmel xi xoghol fit-triq in kwistjoni fid-data tal-incident.[5]

v. Mario Balzan, perit fi hdan il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma xehed u kkonferma li fid-data tal-15 ta' Marzu 2009 is-socjeta' Rock Cut Limited kienet wettqet xogholijiet fi Triq San Leonardu ghan-nom tal-Korporazzjoni minnu rapprezentata.[6]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Is-socjeta' attrici, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Anthony Lia, qed titlob danni naxxenti minn hsarat sofferti fil-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni KBH 695 b'rizultat ta' incident li sehh nhar il-15 ta' Marzu 2009 meta l-istess vettura spiccat fuq munzell terrapien li kien jinsab fi Triq San Leonardo, Zabbar.

9. Bl-unika eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta tecepexxi li ma kellha ebda responsabbilita' ghall-incident in kwistjoni.

10. L-azzjoni attrici hi wahda ta' *culpa aquiliana* ibbazata fuq l-Artikoli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li jistabilixxu li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu, li jitqies fil-htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u li kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb, jaghmel jew jonqos li

[4] Ara x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino a *fol*. 85 tal-process
[5] Ara x-xhieda ta' Duncan Busuttil a *fol*. 96 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Mario Balzan a *fol*. 99 tal-process

jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk.

11. Mill-provi prodotti jirrizulta li fid-data tal-incident, is-socjeta' konvenuta kienet qeghda tezegwixxi xogholijiet fit-triq in kwistjoni fuq inkarigu moghti lilha mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.[7] Jirrizulta ukoll li dawn ix-xogholijiet ma kienux koperti bil-permessi tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u lanqas minn dawk tal-Kunsill Lokali Zabbar. Il-permess li kien inhareg lis-socjeta' konvenuta mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta kien relattiv ghall-perjodu bejn il-5 ta' Frar 2010 u l-1 ta' Marzu 2010, u cioe' madwar sena wara d-data tal-incident mertu tal-kawza.

12. Fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta ressaq l-argument illi x-xoghol li kienet qed taghmel is-socjeta konvenuta ma kienx qieghed isir fit-triq izda taht il-livell tat-triq. Il-Qorti tosserva li dan ma jirrizultax mill-atti processwali. F'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda provi sabiex tissostanzja din l-allegazzjoni taghha. Huwa minnu li *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*, madankollu dan ma jfissirx li dan il-principju japplika biss ghall-parti attrici u mhux ghall-parti konvenuta. Jekk il-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta kienet li fid-data tal-incident hija wettqet xogholijiet taht il-livell tat-triq u mhux fit-triq, kien jispetta lilha li tressaq il-provi dwar dan.

13. Kif huwa risaput, f'kawzi ta' natura civili il-Qorti ghandha tgharbel il-provi prodotti mill-partijiet fuq il-bilanc tal-probabiltajiet u l-preponderanza tal-provi. F'dan il-kaz, ma hemm l-ebda dubju li l-incident sehh konsegwenza tal-fatt li fit-triq in kwistjoni thalla materjal li kien qieghed jostakola il-karreggjata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura assigurata mis-socjeta' attrici. Ma jirrizultax li oltre s-socjeta' konvenuta, kien hemm terzi li kienu qeghdin jaghmlu xogholijiet fl-istess triq fid-data tal-incident. In oltre, lanqas jirrizulta li kienu ttiehdu xi mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi, bhal per ezempju senjaletika adegwata sabiex jigi evitat kull periklu lill-pubbliku. Ghal dawn ir-ragunijet, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-atturi rnexxilhom jissodisfaw il-kanoni biex it-talba taghhom tigi milqghuha, u dan billi jirrizulta ppruvat in-ness ta' kawzalita' bejn l-event dannuz u l-imgieba tas-socjeta' konvenuta.

---

[7] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Mario Balzan a *fol*. 99 tal-process

14. Dwar il-quantum tad-danni sofferti, il-hsara fil-vettura assigurata giet iccertifikata mis-*surveyor* Philip Attard minn fejn jirrizultaw it-tiswijiet li kellhom isiru fuq il-vettura. Jirrizulta li s-socjeta' attrici hallset l-ispejjez relatati ma' dawn it-tiswijiet li jinkludu kemm ix-xiri tal-*parts* u wkoll ix-xogholijiet ta' *panel beating* u *spraying*. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici hallset ghal dawn it-tiswijiet u li l-attur Anthony Lia hallas is-somma ta' €81.53 rapprezentanti l-*excess*.[8]

15. Konsewgentement it-talbiet attrici ser jigu milqugha fl-intier taghhom.

**Konkluzjoni**

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

    2. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Untours Insurance Agents Ltd u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici Untours Insurance Agents Ltd is-somma ta' tlett elef disa' mija u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€3,990.85);

    3. Tilqa' t-talba ta' Anthony Lia u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lil Anthony Lia s-somma ta' wiehed u tmenin euro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53).

    4. L-imghax fuq iz-zewg ammonti ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 2009 lis-socjeta konvenuta, sad-data tal-pagament effettiv.

    5. L-ispejjez tal-entita konvenuta Transport Malta – li kienet giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta,

[8] Ara x-xhieda ta' Mario Mifsud a *fol.* 73 tal-process u il-prospett tad-danni immarkat bhala Dok A a *fol.* 2

moghtija fil-25 ta' Gunju 2012 - in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-atturi.

6. L-ispejjez l-ohra kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 2009, ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**